MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IT-TMIEN KUNSILL**

SEDUTA NRU. 54

22 ta' Awwissu 2023

Minuti tas-seduta Nru. 54 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Nru. 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tlieta 22 ta' Awwissu 2023 fil-5:30 pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu preżenti fiżikament.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa permezz tal-internet u irrekordjata. L-istess *recording* jista' jitniżżel mis-sit elettroniku: https://corterm.com/vod/members/mellieha/

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku.

1.1. **Minuti**

1.2. Il-minuti tas-Seduti Nru. 53 tas-27 ta' Lulju 2023, ġew approvati mingħajr emendi. Kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku: Minutes List (gov.mt).

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Iljieli Melleħin 2023 (A/5/3/5Vol XII)

2.1.2. Is-Sindku D. Vella rrefera għall-minuta 11.1. u kkummenta li l-edizzjoni msemmija nlaqgħet tajjeb mill-pubbliku. Huwa qal li biex dan l-avveniment jinżamm ta' livell, jeħtieġ li l-baġit allokat jiżdied, jew ikun ristrutturat mill-ġdid b'inqas spejjeż.

2.1.3. Is-Sur D. Vella ppropona li t-tifkira illi ser tingħata lill-Għaqda tan-Nar Maria Bambina fl-okkażjoni tar-rebħ tal-ewwel premju tal-Malta Fireworks Festival, li sar bejn il-25 u t-30 ta' April 2023, tiġi ppreżentata nhar il-Sibt 29 ta' Lulju.

2.1.4. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg qal li d-dati meta jiżvolġi l-avveniment għandhom jingħataw aktar attenzjoni sabiex jiġi evitat li dawn jaħbtu ma' oħrajn li jkunu fuq bażi nazzjonali. Iljieli Melleħin kienu fl-istess dati li kien hemm il-Festival tal-Birra f'Ta' Qali, kunċert minn *tribute band* f'Ħal-Għaxaq, u l-festa tad-Duluri f'San Pawl il-Baħar. Huwa kkummenta wkoll li jkun hemm minn jiffrekwenta attivitajiet li jkunu aktar qrib biex jevità t-traffiku. Sar aċċenn ukoll li meta bdew jiġu organizzati l-Iljieli Mellieħin ma kienx hemm kunsill lokali li jorganizzaw attivitajiet simili, iżda llum hemm diversi. Is-Sur J. Buttigieg ġibed l-attenzjoni li forsi anke l-għeluq ta' Triq Ġorġ Borg Olivier kellu effett fuq il-konkorrenza tal-pubbliku. Dwar iż-żieda fit-baġit għal dawn it-tip ta' attivitajiet huwa staqsa kemm huwa vijabbli li jintefqu daqshekk flus, meta r-rispons mir-residenti mhux daqshekk sinifikanti.

2.1.5. Il-Kunsillier M. Abela aċċenna li apparti ir-ristrutturar tal-kontenut u l-għażla tad-dati, huwa mportanti li l-avveniment jingħata pubbliċità suffiċjenti.

2.1.6. Il-Kunsillier K. Buttigieg qal li huwa mportanti li l-Kunsill ikun aktar innovattiv f'dak li huwa kontenut, sabiex il-pubbliku jiġi mħajjar jattendi.

2.1.7. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li l-fattur tad-dati huwa mportanti ħafna u forsi wieħed għandu jikkonsidra li l-Iljieli Melleħin ikunu wara l-Festa tal-Vitorja, jew li l-Festa ta' San Ġwann tal-Ħġejjeġ tkun parti minnhom.

**2.2.1. Aċċess f'Misraħ il-Parroċċa wara l-pavimentar tagħha** **(P/4/3/Vol IV)**

2.2.2. Il-Kunsillier M. Abela aċċenna għall-minuta 7.8 u nnota li d-demarkazzjoni tal-postijiet għall-imwejjed u siġġijiet, kif ukoll dawk għall-ipparkjar saret permezz ta' pjanċi tal-metall imwaħħla fuq il-pavimentar. Huwa qal li dan kien pass fid-direzzjoni t-tajba.

2.2.3. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini qalet li qed jitfassal pjan ħollistiku li għandu jirregola l-permessi għall-imwejjed u siġġijiet għal Misraħ il-Parroċċa.

2.2.4. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg irrefera għall-minuta 7.10. tas-seduta preċedenti u qal li l-proposta dwar l-għeluq ta' Misraħ il-Parroċċa għat-traffiku miż-żewġ naħat fis-Sibtijiet u l-Ħdud, bejn il-5 ta' Awwissu u l-10 ta' Ottubru, għandha tiġi posposta, peress li jista' ikun hemm żviluppi da parti tal-awtoritajiet konċernati dwar l-introduzzjoni ta' faċilitajiet għall-ipparkjar.

2.2.5. Il-Kunsill approva s-suġġeriment imressaq.

**2.3.1. Lejla Selmunija u l-Irziezet ta' Selmun** **(A/5/5/Vol X)(P/10/3A)**

2.3.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 5.9.1. tas-seduta ta' qabel u għarrfet li l-attività msemmija saret fit-3 ta' Awwissu 2023 fl-Irziezet ta' Selmun li għaliha attendew flimkien magħha l-Kunsillieri R. Bartolo Cutajar, K. Buttigieg, E. Bartolo u J. Gauci. Hija qalet li kien hemm għaxar interventi letterarji li ntlaqgħu tajjeb minn dawk preżenti. Sfortunatament il-ħin kien limitat biex saru l-interventi kollha, flimkien mal-bibità li ngħatat wara. Is-Sinjura Brincat Stellini ppproponiet li tinbagħat nota ta' ringrazzjament lis-Sur Joseph Cachia li kkordina l-parti letterarja tal-attività.

2.3.3. Is-Sinjura A. Brincat Stellini kkummentat fuq l-istat tal-irziezet. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono aċċenna li diġa saru żewġ laqgħat mal-konsulent legali tal-Kunsill dwar l-użu tagħhom u ġie stabbilit li l-Kap 573 (l-Att dwar Artijiet tal-Gvern) jgħid illi 'trasferiment' jinkludi anke '*encroachment* jew jedd ieħor ta' użu, kif ukoll l-għoti ta' kull jedd reali jew personali f'xi art jew fuqha'.

2.3.4. Għaldaqstant mhux possibbli li l-użu tal-post jiġi konċess lil xi entità, mingħajr l-adozzjoni tal-proċedura kontemplata fl-istess kapitolu tal-liġi, ċioe' illi tinħareġ sejħa għall-interess, jew ikun hemm riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati, eċċ., sabiex isir dan it-trasferiment; ċertament ma jistax isir permezz ta' skrittura privata, lanqas jekk ikun hemm il-barka tal-Awtorita' tal-Artijiet.

2.3.5. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg qal li r-raġuni illi sezzjoni mill-irziezet mhux fi stat tajjeb hija kkawżata bin-nuqqas ta' użu tal-fond. Għaldaqstant huwa mportanti li l-Kunsill jagħti direzzjoni sabiex issir sejħa ta' interess għall-użu tal-irziezet, kif sar fil-każ tat-Torri l-Abjad.

2.3.6. Il-Kunsill qabel li għandhom jinbdew il-proċeduri sabiex tiġi notifikata l-Awtorità tal-Artijiet u ssir is-sejħa bil-għajnuna tal-konsulent legali.

## 2.4.1. Skambju ta' żjarat li jinvolvu tfal permezz tal-ġemellaġġ Mellieħa-Cavriglia (K/1/5/3/Vol II)

2.4.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li fis-16 ta' Awwissu 2023 saret laqgħa fil-Mellieħa Sports Club dwar iż-żjara ta' tfal minn Cavriglia li ser issir bejn is-27 ta' Awwissu u t-3 ta' Settembru 2023. Għal din il-laqgħa attendew flimkien magħha l-Viċi Sindku J. Buttigieg, il-Kunsillier K. Buttigieg, is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono, l-uffiċjal P. Caruana, il-President u s-Segretarju tal-MSC A. Vella Borg u P. Cutajar, rispettivament. Intwera l-post fejn ser jiġu akkomodati t-tfal, kif ukoll dettalji oħra dwar l-użu tal-post. Is-Sinjura A. Brincat Stellini appellat sabiex kunsillieri oħra jassistu billi jakkumpanjaw lit-tfal fiż-żjarat li għandhom fil-programm, kif ukoll għall-ikliet li għandhom fid-diversi sede tas-għaqdiet fejn ser ikollhom l-ikliet.

2.4.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 2.5.1. Introduzzjoni ta' *speed humps* fir-Ramla tat-Torri l-Abjad (T/3/2/Vol XVI)

2.5.2. Il-Kunsillier G. Micallef irrefera għall-minuta 5.3.1. tas-seduta ta' qabel u staqsa dwar jekk dik id-deċiżjoni hijiex se twaqqa' oħra preċedenti sabiex isiru sitt *speed humps* imqassma mat-triq ta' madwar il-bajja msemmija.

2.5.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono wieġeb li t-talba msemmija kienet ġiet trattata fis-Seduta Nru. 43 tas-26 ta' Ottubru 2022, meta saret referenza għal imejl datat 2 ta' Awwissu 2022 fejn sid ta' *boathouse* appella sabiex isiru erba' *speed humps* fil-parti ta' ġewwa ta' Triq ir-Ramla tat-Torri l-Abjad fil-parti li ġiet asfaltata għall-ewwel darba xi xhur qabel. L-istess persuna talab ukoll li żewġ *speed humps* li kien hemm qabel ġiet asfaltat it-triq għandhom jsiru wkoll sabiex ikun hemm sitta b'kollox. Is-Sur C. Debono spjega li minħabba illi t-triq ġiet asfaltat għall-ewwel darba minn Infrastructure Malta, kienet saret talba għalihom lil din l-aġenzija, iżda dawn baqgħu ma sarux. F'każ li dawn isiru flimkien ma' dawk li ġew approvati fis-Seduta preċedenti, ikun hemm b'kollox għaxar *humps*.

2.5.4. Il-Kunsill kien tal-fehma li dan is-suġġett għandu jkompli jiġi diskuss meta jiġu verifikati l-korrispondenza u l-minuti tal-Kunsill.

## 3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

## 3.1.1. Puġġaman fi Triq Ġorġ Borg Olivier (T/3/4)

3.1.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg rrefera għad-deċiżjoni li ttieħdet sabiex isir puġġaman fit-triq imsemmija, bejn Triq Sant' Anna u Triq Sant' Elena. Huwa staqsa dwar jekk kienx sar xi ħaġa f'din id-direzzjoni.

3.1.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono wieġeb li dan kien ordnat u mistenni jsir fix-xahar ta' Ottubru 2023.

## 3.2.1. Manutenzjoni fil-*multi-purpose court* parti mill-Park tal-Familja (P/4/6/Vol VI).

3.2.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg rrefera għall-minuta 5.5.5. fil-minuta tas-seduta preċedenti u staqsa dwar jekk il-kuntrattur li saret laqgħa miegħu fuq il-post kienx issottometta l-istima tiegħu.

3.2.3. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li huwa kkuntattja lill-kuntrattur konċernat diversi drabi, iżda kien qed isib diffikultà biex isib *subcontractor* li lest jagħmel l-eskavar u x-xogħol tal-konkos involut.

3.2.4. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandu jsir kuntatt miegħu bil-għan li huwa jiġi mgħejjun isib xi ħadd minn dawk li kienu wrew interess f'dan il-proġett.

3.2.5. Is-Sur K. Buttigieg qal li xogħol ta' manutenzjoni ħafifa f'partijiet oħra tal-park jista' jiġi mgħoddi lill-Aġenzija għar-Riġenerazzjoni ta' Żoni Turistiċi.

3.2.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**3.3.1. Restawr tan-Niċċa tal-Madonna fil-Marfa (P/10/37)**

3.3.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg rrefera għall-proġett imsemmi u staqsa dwar jekk kien hemm xi rispons dwaru mis-Sovrintendenza tal-Patromonju Kulturali, jew da parti tal-Pulizija, bil-għan li n-niċċa tiġi restawrata għall-istat oriġinali tagħha.

3.3.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono wieġeb li sad-data tas-seduta ma kien hemm ebda rispons mill-entitajiet imsemmija. Huwa ngħata ndikazzjoni mill-Fondazzjoni Grupp Azzjoni tal-Majjistral li minħabba dan il-dewmien, il-fondi allokati taħt il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, intilfu.

3.3.4. Il-Kunsill qabel li għandhom jsiru rappreżentazzjonijiet mill-ġdid kemm mas-Sovrintendenza, kif ukoll mal-Pulizija.

**3.3.1. Installazzjoni ta' CCTV fi Triq Ġorġ Borg Olivier (C/9)**

3.3.2. Il-Kunsillier E. Bartolo staqsa dwar jekk is-sistema tas-CCTV fit-triq imsemmija hijiex tiffunzjona.

3.3.3. Is-Segretarju Eżekuttv C. Debono wieġeb li din qed tiffunzjona u l-pubbliku ġie mgħarraf dwar dan permezz tal-media soċjali. Il-LESA qed jissorveljaw is-sistema u bdew jinħarġu avviżi ta' kontravvenjoni b'effett mis-17 ta' Lulju 2023 - għaxar t'ijiem wara li nħareġ l-avviż fil-media soċjali.

3.3.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**3.4.1. Xogħlijiet fit-triq tal-Miżieb (W/2/Vol II)**

3.4.2. Il-Kunsillieri G. Micallef rrefera għax-xogħlijiet tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma li kienu għaddejjin qabel is-sajf fit-triq imsemmija. Huwa staqsa dwar jekk hemmx tagħrif dwar it-tkomplija tagħhom.

3.4.3. Is-Sindku D. Vella wieġeb li dawn ser jibdew f'Ottubru 2023.

## 4.0. Tqegħid ta' karti

- Skeda dwar Akkwist ta' Servizzi u Materjal – 18/08/23;
- Skeda ta' Pagamenti – 24/07/23 – 18/08/23;
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty-Cash* – 28/06/23 – 27/07/23;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet; u
- Rendikont Finanzjarju – April / Ġunju 2023.

## 5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri

**5.1.1. PA 0013/13 – Bdil fl-iskema tal-bini fi Triq ix-Xagħra l-Ħamra fil-Manikata (P/5/8/X)**

5.1.2. Saret referenza għal applikazzjoni sabiex faxxa art li tinsab biswit Triq ix-Xagħra l-Ħamra tinbidel minn area ndikata għall-villel skont *policy* NWML15 għal area ta' priorità residenzjali skont il-*policy* NWUS4 tal-Pjan Lokali. Ġie spjegat li f'każ li tiġi approvata t-talba, ikun permess għoli ta' tliet sulari, minflok tnejn.

5.1.3. Il-Kunsill qabel li l-użu tal-art affettwata minn din l-applikazzjoni għandu jkun regolat skont il-*policies* tal-Pjan Lokali NWML5 u NWUS4, kif approvati f'Ġunju tal-2006.

5.1.4. Apparti din l-applikazzjoni, il-Kunsill kien tal-fehma li l-parti tal-art indikata fl-applikazzjoni li hija pubblika għandha tinħareġ miż-żona tal-iżvilupp meta ssir reviżjoni tal-Pjan Lokali.

**5.2.1. Installazzjoni ta' *vehicle charging pillars*** **(V/4)**

5.2.2. Saret referenza għal imejl datat 8 ta' Awwissu 2023 mibgħut mill-Aġenzija tal-Enerġija u l-Ilma fejn qed jipproponu li jsiru 30 *vehicle charging pillars* mxerra mal-lokalità kollha, fil-postijiet li ġejjin:

| Triq | Lokazzjoni |
|---|---|
| Triq il-Madonna ta' Fatima | 35.9574231, 14.3607995 |
| Golden Bay *Parking Area* | 35.9347381, 14.3460434 |
| Triq Ta' Masrija | 35.9536501, 14.3669180 |
| Triq il-Marlozz | 35.9640922, 14.3610134 |
| Triq Mons F.Xuereb | 35.9599212, 14.3653123 |
| Triq it-Tunnagg | 35.9661060, 14.3632722 |
| Triq il-Fuhhar | 35.9399908, 14.3514457 |
| Dawret il-Mellieha | 35.9647348, 14.3547186 |
| Triq Vincenzo Ciappara | 35.953932, 14.363131 |
| Armier Bay Parking | 35.9899789, 14.3552725 |
| Across Armier Substation | 35.9892331, 14.3552396 |
| Little Armier Parking | 35.9893465, 14.3598886 |
| Parking next to Ghadira Police Station | 35.9690953, 14.3493693 |
| Triq Dahlet ix-Xmajjar | 35.9950302, 14.3677223 |
| Triq il-Marfa | 35.9867189, 14.3321864 |
| Triq Dawret it-Tunnara | 35.9659863, 14.3569532 |
| Golden Bay Beach Parking | 35.9346751, 14.3445091 |
| *Parking Area* next to The Veg Box | 35.9372228, 14.3479041 |
| Parking next to Riviera Hotel | 35.9863808, 14.3434758 |
| Triq l-Arznell | 35.9666566, 14.3627270 |
| Triq Salvu Camilleri | 35.9557638, 14.3651732 |
| Mistra Road | 35.9584289, 14.3894680 |
| Paradise Bay *Parking Area* | 35.9807353, 14.3331909 |
| Triq Wied ta' Ruman | 35.9632960, 14.3616780 |

5.2.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għas-siti ndikati, iżda qabel li għandhom jiżdiedu oħrajn fil-postijiet li ġejjin:

| | |
|---|---|
| Triq l-Għerien | 35.959196, 14.364158 |
| Triq Edmund Halley | 35.962955, 14.372586 |
| Triq Ġużè Flores | 35.955233, 14.372644 |
| Triq Għajn Żejtuna (1) | 35.959510, 14.369085 |
| Triq Għajn Żejtuna (2) | 35.964278, 14.368479 |
| Triq il-Mitħna l-Ġdida | 35.957369, 14.360957 |

**5.3.1. Skart depożitat fiż-żoni għall-ikkampjar ġewwa l-Aħrax** **(C/4/Vol IV)**

5.3.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini lmentat li fiż-żoni msemmija l-problema tal-iskart kibret bit-tneħħija tal-i*skips*. Hija qalet li mhux biżżejjed illi fil-permessi għall-ikkampjar hemm klawsola li tgħid illi mgħandux jitħalla skart fuq il-post. Fiċ-ċirkostanzi hija appellat sabiex ma jinħarġux aktar permessi għall-ikkampjar, jew issir arranġament simili għal dak tal-Moll tat-Tunnara.

5.3.3. Il-Kunsillier E. Bartolo ppropona li kull minn japplika għall-permess għall-ikkampjar għandu jħalli depożitu biex jiġi nċentivat sabiex iżomm il-post nadif.

5.3.4. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg qal li mhemm xejn x'iżomm lill-Kunsill milli jqabbad kuntrattur sabiex jipprovdi servizz ta' *skips*, jew li jsir arranġament bħal tal-Moll tat-Tunnara.

5.3.2. Il-Kunsill qabel li għandha ssir talba lid-Diviżjoni tat-Tindif u l-Manutenzjoni sabiex tipprovdi bins li jitbattlu darbtejn fil-ġimgħa – nhar ta' Tnejn u l-Ħamis.

## 5.4.1. *Speed hump* fi Triq is-Santwarju (T/3/2/Vol XVI)

5.4.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono għarraf li kien avviċinat minn residenti tat-triq imsemmi li qed jilmentaw li l-i*speed humps* eżistenti qed jikkawżaw inkonvenjent bil-ħsejjes li jiġġeneraw.

5.4.3. Il-Kunsill approva t-talba.

## 5.5.1. Kommemorazzjoni tal-25 Anniversarju tal-ġemellaġġ Mellieħa-Adenau (K/1/5/Vol IV).

5.5.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono għarraf li l-kuntatti mal-Kunsill Lokali ta' Adenau baqgħu għaddejjin u ġie ffinalizzat l-itinerarju taż-żjara li l-qofol tagħha ser tkun il-kommemorazzjoni li ser issir nhar is-Sibt 19 ta' Settembru 2023. Attività oħra sinifikanti ser tkun il-programm mużikali tal-Banda La Vittoria fis-Citizens' Garden, biswit il-Parlament Ewropew li ser tkun l-Erbgħa 20 ta' Settembru fis-2:30pm. Dan l-appuntament diġa ttellgħa fis-sit elettroniku uffiċjali tal-Parlament Ewropew, fejn hemm l-orarju tal-attivitajiet mużikali li jittellgħu dakinhar.

5.5.3. Is-Sur C. Debono spjega li l-intenzjoni hija li għal din l-attività jiġu mistiedna l-President tal-Parlament u l-Membri Parlamentari Ewropej Maltin u dawk Ġermaniżi mir-reġjun fejn hemm Adenau, kif ukoll uffiċjali Maltin li jaħdmu fl-istituzzjonijiet Ewropej li jinsabu fi Brussel. L-Ambaxxata Maltija qed tgħin minn dan l-aspett billi ser jibgħatu l-inviti f'isem l-Kunsill u l-Banda. Għandna wkoll konferma li ser jattendi l-Ambaxxatur l-E.T. Clint Tanti.

5.5.4. Il-Kunsill qabel li d-delegazzjoni tal-Kunsill għandha tkun komposta mis-Sindku D. Vella, il-Viċi Sindku J. Buttigieg, il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar, G. Micallef, u s-Segretarju Eżekuttiv C. Debono.

## 5.6.1. Impjieg ta' Uffiċjal fi Skala 15 (P/7/1/Vol XVII)

5.6.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono għarraf li l-Bord tal-Għażla għamel it-tieni grupp ta' intervisti u ġew *shortlisted* żewġ kandidati, li sariltilhom anke t-tieni intervista u ngħataw test prattiku fil-kitba bil-Malti u bl-Ingliż, kif ukoll fl-użu tal-applikazzjoni Excel. Il-Bord dehrlu li għandu joffri l-impjieġ li l-iktar kandidat idonju bi prova għal sit xhur skont ma tipprovdi l-liġi.

5.6.3. Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf li l-kandidata li ġiet magħżula għarfitu verbalment li ma kinitx f'pożizzjoni li taċċetta l-kariġa offruta, peress li kienet ser tibda kors ta' taħriġ b'mod immedjat.

5.6.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u ddeċieda li għandha ssir sejħa ġdida.

5.6.5. Il-Kunsill kien tal-fehma li s-Segretarju Eżekuttiv għandu jkun assistit direttament minn uffiċjal fi Skala 11 u dan għandu jsir billi mpjegati li għandhom snin ta' esperjenza u prestazzjoni tajba jipprogredixxu minn skali inferjuri. Ittieħed in konsiderazzjoni li attwalment hemm tliet impjegati fi Skala 14 u oħra fi Skala 15.

5.6.6. Għaldaqstant kien deċiż li għandu jintalab il-kunsens tad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali sabiex issir sejħa fost l-impjegati attwali tal-Kunsill bil-għan li jimtlew żewġ karigi fi Skala 11 skont ir-Regolament dwar Gvern Lokali (Riżorsi Umani) L.S.363.20 – Artiklu 14(c)(iii). Ġie nnotat li l-qagħda finanzjarja tal-Kunsill tippermetti l-promozzjonijiet in kwistjoni.

**5.7.1. Aċċess temporanju għall-Mellieħa Bay Hotel (P/5/8/G)**

5.7.2. Saret referenza għall-imejl datat 21 ta' Awwissu 2023 mibgħuta mill-iżviluppatur tal-lukanda msemmija fejn talab li l-vetturi nvoluti fit-twaqqiegħ u l-bini mill-ġdid tal-lukanda jgħaddu mill-parkeġġ pubbliku tal-Għadira..

5.7.3. Il-Kunsill ma laqax it-talba, peress li t-twaqqigħ u r-rikostruzzjoni tal-lukanda, huwa ppjanat li jieħu mill-inqas sentejn, li jinvolvi wkoll ix-xhur tas-sajf meta l-Parkeġġ tal-Għadira jkun iffrekwentat ħafna. Il-Kunsill ra wkoll il-*footprint* il-ġdida tal-lukanda, u kien tal-fehma għandha tiġi kkunsidrata rotta alternattiva fis-sit tal-kostruzzjoni, maġenb il-ħajt eżistenti, bejn l-art tal-lukanda u l-parkeġġ pubbliku.

**5.8.1. *Sports Venue Manager* għall-Park tal-Familja (P/4/6/1)**

5.8.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini pproponiet li apparti s-servizz ta' kustodju fil-Park tal-Familja għandu jkun hemm *Sports Venue Manager* li jikkordina l-użu tal-faċilitajiet sportivi li hemm fil-park. Hija ssuġġeriet li jsir kuntatt ma' SportMalta fuq dan is-servizz.

5.8.3. Il-Kunsillier K. Buttigieg qal li huwa jaqbel illi jkun hemm dan is-servizz, iżda l-ewwel priorità hija li jkun hemm il-faċilitajiet eżistenti fil-*court* u d-*dressing rooms* fi stat tajjeb.

5.8.4. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg ikkummenta li għandu jiġi rivedut minn kumitat li huwa familjari mal-operat tal-park sabiex anke tiġi trattata d-domanda li tinfetaħ il-latrina matul il-ġurnata u materji oħra bħalma huma t-tindif, il-manutenzjoni, eċċ.

5.8.5. Il-Kunsill qabel li għandu jitwaqqaf kumitat magħmul mill-Kunsillieri K. Buttigieg, E. Bartolo, R. Bartolo Cutajar, u G. Micallef, sabiex jirrevedu l-kuntratt attwali.

**5.9.1. Seduta Parlamentari taż-Żgħażagħ (Z/1/Vol VI)**

5.9.2. Sar aċċenn għal imejl datat l-1 ta' Awwissu 2023 fejn is-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali għarraf li bħala parti mill-attivitajiet li qed jiġu organizzati matul din is-sena li taħbat it-30 anniversarju mill-introduzzjoni tal-gvern lokali ser issir seduta parlamentari taż-żgħażagħ nhar il-Ġimgħa 22 ta' Settembru 2023, fid-9:00am. Għaldaqstant, il-Kunsill ġie mħeġġeġ sabiex jinnomina żgħażagħ li mhumiex kunsillieri, bejn il-15 u l-25 sena bil-għan li jieħdu sehem u jirrappreżentaw lil lokalità f'din l-okkażjoni. Intant saret sejħa għan-nomini fil-medja soċjali u ngħata żmien sal-21 ta' Awwissu, iżda ma kien hemm ebda rispons.

5.9.3. Fid-dawl tat-tagħrif mogħti, issemmew xi persuni li għandhom jiġu mħajra direttament sabiex jipparteċipaw.

**5.10.1. Sewqan perikoluż f'Dawret it-Tunnara (T/3/2/Vol XVI)**

5.10.2. Saret referenza għal petizzjoni datata 8 ta' Awwissu 2023 mibgħuta minn residenti ta' Dawret it-Tunnara li talbu sabiex jitwaħħlu tabelli li jindikaw il-limitu tal-veloċità, isiru tabelli li jindikaw illi t-triq hija one-way u li jkun hemm il-preżenza tat-tfal..

5.10.3. Il-Kunsill innota li t-tabelli NO ENTRY diġa qegħdin hemm, filwaqt li tabelli li jindikaw il-preżenza tat-tfal jsiru biss fejn l-iskejjel. Kien hemm qbil li għandhom jsiru tabelli bil-limitu tal-veloċità ta' 10 km/h u sinjali/tabelli SLOW.

**5.11.1. Aċċess għall-Santa Marija Apartments fi Triq il-Kbira (T/3/2/Vol XVI)**

5.11.2. Saret referenza għall-imejl datat 22 ta' Awwissu 2023 fejn persuna li tuża s-siġġu tar-roti talab li ssir rampa fuq il-bankina quddiem l-indirizz imsemmi bil-għan li jkun hemm aċċess bis-siġġu tar-roti.

5.11.3. Il-Kunsill qabel li għandha ssir laqgħa mal-persuna konċernata sabiex jiġi stabbilit kif tista' ssir rampa fuq il-bankina b'tali mod li din ma tiġix ostakolata għal persuni oħra li jgħaddu mill-istess post.

**5.12.1. Festival Internazzjonali tal-Ħut f'Dawret it-Tunnara** **(A/6/3/1/Vol 168)**

5.12.2. Is-Sindku D. Vella għarraf li huwa ġie kkuntattjat mis-Segretarjat Parlamentari tas-Sajd, Akwakultura u d-Drittijiet tal-Annimali li għandhom l-intenzjoni sabiex parti mill-Malta International Fish Festival isir fil-parkeġġ ta' Dawret it-Tunnara biswit ix-Xagħra tat-Tunnara. Dan huwa ppjanat li jseħħ nhar il-Ħadd l-1 ta' Ottubru 2023. Il-Kunsill qed jintalab permess biex l-avveniment isir fil-post indikat, kif ukoll jitlob li jsir *risk assessment* dwar is-*set-up* tal-l-attività.

5.12.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li bħala post m'għandux ikun hemm oġġezzjoni, filwaqt li ma qabilx illi għandu jieħu responsabiltà tar-*risk assessment*.

**5.13.1. Makkinarju fuq il-bejt ta' bini storiku f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II** **(P/5/8/7)**

5.13.2. Is-Sindku D. Vella rrefera għal ilmenti li saru miegħu dwar l-installazzjoni ta' makkinarju fuq il-bjut tal-fondi numri 11, 12, u 13, Triq il-Kappillan Magri, kantuniera ma' Triq il-Madonna tal-Ghar, u ma' Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II. L-istess makkinarju qed jagħti dehera kerha billi l-fond in kwistjoni m'għandux opramorta u huwa għoli biss sular minn naħa ta' Triq il-Kappillan Magri.

5.13.3. Diversi membri kkonfermaw li l-ilment huwa ġustifikat peress li raw il-makkinarju huma stess, jew ġew avviċinati dwaru. Il-Kunsill qabel li għandha tinġibed l-attenzjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar u jintbagħtu r-ritratti tal-makkinarju in kwistjoni.

**5.14.1. Okkupazzjoni ta' parti minn Ġnien il-Qigħan minn CareMalta Ltd** **(P/2/1)**

5.14.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg aċċenna għall-kuntratti li diġa kien hemm, kemm direttament mal-kumpanija msemmija, kif ukoll bejn il-konsulent legali tal-Kunsill u l-istess kumpanija, u l-Awtorità tal-Artijiet. Huwa qal li s'issa għadha ma ttieħditx ebda azzjoni da parti ta' CareMalta Ltd sabiex tneħħi l-*fence* u l-ħsara li saret fis-sistema tad-dwal tal-ġnien. Apparti dan, jidher li l-kumpanija qed tippjana sabiex tkompli tiżviluppa l-area in kwistjoni.

5.14.3. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li minn verifiki li saru mill-konsulent legali rriżulta li fil-kuntratti li saru mill-Awtorità tal-Artijiet mal-Kunsill u l-CareMalta Ltd mhemm ebda *overlapping* kif jirriżulta mill-pjanti annessi mal-istess kuntratti. Minkejja dan, l-Awtorità baqgħet ma ħaditx passi sabiex titlob lill-CareMalta tneħħi l-*fence* u tirranġa l-ħsara li saret fis-sistema tad-dwal.

5.14.4. Il-Kunsill qabel li għandu jsir kuntatt mal-konsulent legali sabiex jipproċedi, anke jekk ikun ħtieġa li tinfetaħ kawża fil-Qorti, kontra CareMalta Ltd.

**5.15.1. Okkupazzjoni ta' bankini fi Triq Għajn Żejtuna** **(P/9/4)**

5.15.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar ġibdet l-attenzjoni li hemm diversi bankini fit-triq imsemmija li huma okkupati minn siġar li jinsabu qtajja' mhux żviluppati, kif ukoll minn residenzi privati. Hija qalet li dwar il-każ tal-ewwel għandha tittieħed azzjoni mill-ħaddiema tad-Diviżjoni tal-Indafa u l-Manutenzjoni. Dwar tat-tieni, hija pproponiet li r-residenti konċernati għandhom jiġu avżati mill-Pulizija tal-Komunità biex ir-residenti konċernati jieħdu azzjoni, kif sar drabi oħra.

5.15.3. Ittieħdet nota sabiex isir kif propost.

### 5.16.1. Ħinijiet tal-ġbir tal-iskart domestiku (K/6/2/Vol V)

5.16.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar qalet li qed ikun hemm diversi residenti li ma joħorġux l-iskart qabel is-7:00am, filwaqt li meta ma jsirx hekk f'dawk it-toroq li jkunu fil-bidu tar-rotta, hemm il-possibiltà li jkun hemm skart li ma jinġabarx, għaliex ikun inħareġ wara. Hija ġibdet l-attenzjoni wkoll li jkun hemm skart goff li jinħareġ qabel l-appuntament illi jkun ingħata mill-uffiċċju tal-Kunsill. Għaldaqstant hija pproponiet li ssir ittra flimkien mal-Pulizija tal-Komunità, fejn tinġibed l-attenzjoni tar-residenti li jekk il-ħin tal-ħruġ tal-iskart domestiku, u d-dati mgħotija fil-każ tal-iskart goff, ma jinżammux, jittieħdu passi kontra minn ma josservahomx.

5.16.3. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini kkummentat li dawn it-tip ta' abbużi huma aktar spissi f'barra binjiet fejn hemm postijiet li jinkrew lit-turisti għall-perjodi qosra.

5.16.4. Il-Kunsill qabel mal-proposta u talab lill-Kunsillier Bartolo Cutajar sabiex tħejji abbozz tal-ittra proposta.

### 5.17.1. Kontinwazzjoni tal-proġett tat-TEN-T bejn il-Mellieħa u San Pawl il-Baħar
**(T/3/2/Vol XIV)( T/4/4/Vol III)**

5.17.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar aċċenna li t-toroq tal-Manikata mhumiex maħsuba biex jieħdu l-volum tat-traffiku li żdied sostanzjalment fl-aħħar snin. Hija appellat sabiex issir insistenza fuq il-tkomplija tal-proġett tat-*Trans-European Transport Network (TEN-T)* sabiex titkompla l-ħolqa bejn Triq Lewis Wettinger u l-bypass ta' San Pawl il-Baħar u toroq oħra li jwasslu lejn il-Manikata, u hekk tonqos il-pressjoni fuq it-toroq ta' dan ir-raħal.

5.17.3. Il-Kunsillier G. Micallef fakkar li fis-Seduta Nru. 45 tat-28 ta' Diċembru 2022, il-Kunsill kien iddeċieda fuq numru ta' prioritajiet f'dawk li huma toroq u turġien ġodda, kif ukoll dwar ir-rikostruzzjoni ta' oħrajn eżistenti.

5.17.4. Il-Kunsill qabel li għandha tintalab laqgħa mal-Ministru tat-Trasport, l-Infrastruttura u Proġetti Kapitali.

### 5.18.1. *Speed hump* fil-parti ta' fuq ta' Triq Għajn Żejtuna (T/3/2/Vol XVI)

5.18.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar ġibdet l-attenzjoni li għad fadal biċċiet minn *speed hump* tal-lastiku fit-triq imsemmija, li r-residenti qed jitolbu sabiex titneħħa għal kollox minħabba l-ħsejjes li tiġġenera.

5.18.3. Il-Kunsill innota li din kienet saret minn Transport Malta, minkejja li l-maġġor parti tar-residenti f'dawk l-inħawi kienu kontriha, skont kwestjonarju li tqassam bieb-bieb, u għaldaqstant il-Kunsill ma kienx irrakkomandaha. Il-Kunsill qabel li din għandha titneħħa għal kollox.

### 5.19.1. Kontroll fuq il-ħamiem (P/12)

5.19.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo rreferiet għal imejl mibgħut mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali datat l-1 ta' Awwissu 2023, fejn intqal li l-kuntratt li kellha l-assoċjazzjoni dwar il-kontroll tal-ħammiem f'żoni urbani kien intemm u għalhekk dan is-servizz mhux ser jibqa' jingħata.

5.19.3. Kien hemm qbil li għandu jsir *market researh* dwar dan is-servizz bil-għan li jkompli jingħata b'finanzjament mill-Kunsill.

**5.20.1. Qsari fi Triq Sant' Anna (P/4/17)**

5.20.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar qalet li l-operatur ta' stabbiliment kummerċjali fi Triq Sant' Anna offra li l-qsari illi hemm quddiemu jitpoġġew fuq il-puġġaman faċċata fuq in-naħa tat-triq. Dawn jitwaħħlu permezz ta' *brackets* apposta. Hija qalet li l-operatur lest li jitrasferihom fi qsari ġodda, kemm-il darba jipprovdihomlu l-Kunsill. L-istess operatur lest ukoll li jieħu ħsiebhom.

5.20.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni sakemm il-qsari ma jikkawżawx inkonvenjent għall-istabbilimenti li hemm fil-pjazzetta ta' taħt, kif ukoll dawn ma jkunux jesporġu 'l barra u jintlaqtu mill-vetturi.

**5.21.1. Nominazzjonijiet għal premjijiet Anzjanità Attiva (N/1/Vol II)**

5.21.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li permezz ta' imejl datat 16 ta' Awwissu 2023, il-Bord tal-għażla fi ħdan is-Segretarjat Parlamentari għall-Anzjanità Attiva u l-Persuni b'Diżabilità għarraf li ser jikkonsidra nominazzjonijiet għall-premjijiet msemmija, li jaslu sal-31 ta' Awwissu 2023, li ser ikun imqassam taħt il-kategoriji li ġejjin:

- Premju Anzjanità Attiva
- Premju Innovazzjoni Teknoloġika fl-Anzjanità Attiva
- Premju Anzjanità Sportiva
- Premju Anzjanità Kulturali
- Premju Volontarjat fl-Anzjanità Attiva
- Premju Solidarjetà Intergerazzjonali

5.21.3. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg kkummenta li l-prassi dejjem kienet li l-premjijiet ingħataw lil persuni li l-ħidma tagħhom kienet rikonoxxuta fuq bażi nazzjonali.

5.21.4. Mill-persuni li l-merti tagħhom ġew diskussi,kien hemm qbil li għandu jiġi nominat is-Sur Guido Debono għall-Premju Anzjanità Kulturali. Is-Sur Guido Debono ngħażel għaliex għal diversi snin għadu jokkupa l-kariga ta' President tal-Malta Chefs Society, kif ukoll huwa membru tal-Fondazzjoni Grupp Azzjoni tal-Majjistral.

**5.22.1. Trakkar mal-Moll tat-Tunnara (X/1/5)**

5.22.2. Il-Kunsillier M. Abela qal li xi sidien ta' opri tal-baħar li għandhom irmiġġi qrib il-Moll tat-Tunnara qed isibu diffikultà biex jittrakkaw mal-moll minħabba li dan ikun okkupat b'mod permanenti minn opri ta' sidien oħra.

5.22.3. Il-Kunsill qabel li għandha tinġibid l-attenzjoni ta' Transport Malta.

**5.23.1. Żvilupp fil-Wied ta' Ruman (P/5/8/R)**

5.22.4. Il-Kunsillier E. Bartolo ġibed l-attenzjoni li kien osservat użu ta' makkinarju tqil tal-iskavar fil-wied imsemmi. Intqal li huwa suspettat li dan kien għaddej bla permess.

5.22.5. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono wieġeb li dan każ inġieb għall-attenzjoni tiegħu fid-19 ta' Awwissu 2023 u ġie rrapportat dak il-ħin stess lill-Awtorità tal-Ippjanar.

**5.23.1. Ħitan tas-sejjieħ u ġebel perikoluż fit-Telgħa ta' Selmun (T/4/4/Vol II)**

5.23.2. Il-Kunsillier J. Gauci rrefera għal ħitan tas-sejjieħ u ġebel li hemm fil-ġenb tat-triq li faċilment jintlaqgħat minn vetturi. Huwa appella sabiex il-ħitan jerġgħu jinbnew u jitneħħa l-ġebel kbir li nqalgħa minn postu.

5.23.3. Il-Kunsill qabel li għandha tinġibed l-attenzjoni tad-Diviżjoni tal-Indafa u l-Manutenzjoni.

**6.1. Allokazzjoni ta' spazji għat-tqegħid ta' *caravans* (B/5/Vol IV)**

6.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li fil-31 ta' Lulju 2023 kienet approvata l-applikazzjoni DN 0835/23 sabiex is-sit fil-Qortin it-Twil jintuża temporanjament bħala *designated caravan site*. Intant fit-2 ta' Awwissu saret laqgħa mal-Kap Eżekuttiv ta' Infrastructure Malta fejn tħabbar li qed jitfasslu l-pjanti sabiex is-sit tal-Qortin it-Twil jiġi pavimentat bil-*grass blocks,* issir fossa għad-drenaġġ u tinġieb il-provista tal-ilma. It-tnejn tal-aħħar ikunu a karigu tal-Kunsill biex jimmaniġġjahom.

6.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono għarraf li fl-14 ta' Awwissu 2023 saret laqgħa ma' delegazzjoni mill-Association of *Maltese Campers and Outdoor Activists* u mit-*Touring Club Malta* li essenzjalment baqgħu jinsistu li l-art biswit il-parkeġġ fl-Armier iż-Żgħir tibqa' tintuża għall-ipparkjar tal-*caravans*. Ilmentaw ukoll mid-diffikultajiet li qed isibu fir-Ramla tat-Torri l-Abjad, peress li fis-sit allokat qed ikun hemm dgħajjes jew karrijiet li s-sidien tagħhom qed jirrifjutaw li jneħħuhom.

6.4. Minn naħa tal-Kunsill ingħatat statistika dwar in-numru ta' ġranet li nħarġu permessi għalihom, fejn jidher biċ-ċar li l-ispażju li ngħata fl-Armier iż-Żgħir huwa l-iktar wieħed mfittex, hekk li numri kienu skont l-iskeda t'hawn taħt:

| **Sit** | **Lulju** | **Awwissu (21/08/2023)** |
|---|---|---|
| Il-Qortin it-Twil | 53 | 93 |
| L-Armier iż-Żgħir | 38 | 148 |
| Ramla tat-Torri l-Abjad | 4 | 10 |
| **Total** | **95** | **251** |

| | |
|---|---|
| Total ta' granet koperti bil-permess | 346 |

| | | |
|---|---|---|
| Permessi ndividwali maħruġa | 28 | 58 |

6.5. Il-Kunsill baqa' jinsisti li għalissa jinżammu t-tliet siti allokati sakemm jiġi evalwat ir-rispons tas-sidien tal-*caravans* u l-*campers* sa' Settembru ta' din is-sena. Mill-istess laqgħa ħareġ ukoll li l-uniku servizz meħtieġ f'*caravan site* hija l-fossa għad-drenaġġ.

6.6. Is-Sur C. Debono aċċenna wkoll li fis-17 ta' Awwissu 2023 saret laqgħa oħra fil-preżenza tal-Ministru Owen Bonnici, flimkien ma' tliet individwi oħra li talbu sabiex jingħataw tliet siti oħra fil-Mistra ftit 'il barra mill-Batterija, qrib it-Trunċiera Ta' Qassisu, u taħt it-Triq taċ-Ċirkewwa.

6.7. Il-Kunsill kien tal-fehma li għalissa għandhom jibqgħu s-siti ta' Qortin it-Twil, l-Armier iż-Żgħir (mas-Sur), u tar-Ramla tat-Torri l-Abjad, bil-għan li hekk kif jgħaddi s-sajf tkun tista' ssir evalwazzjoni tar-riżultati miksuba.

## 7.1. Arranġamenti marbuta mal-festi titulari fil-Manikata u l-Mellieħa
**(F/2/Vol III)(F/2/1)**

7.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono għarraf li t-tħejjijiet l-aktar essenjali għall-festi fil-Manikata u l-Mellieħa issa ġew finalizzati, partikularment f'dak li jirrigwarda arranġamenti tat-traffiku u stazzjonar ta' uffiċjali tal-Pulizija u l-LESA. Wieħed jittama li n-numri ta' uffiċjali mitluba jingħataw. Ġie finalizzat wkoll it-tibdil li ser ikun meħtieġ fir-rotot tal-karozzi tal-linja. Ser ikun hemm wkoll il-*minibus shuttle* bejn Triq l-Għoljiet u Triq Edward Camilleri.

7.3. Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Awtorità tal-Artijiet intalbet tintervjeni mal-operaturi tal-bars f'Misraħ il-Parroċċa u Misraħ iż-Żjara tal-Papa sabiex titneħħa kull għamara li taffettwa l-programm tal-1 ta' Settembru u l-purċissjoni bil-vara nhar il-festa. Is-Segretarju Eżekuttiv talab direzzjoni mill-Kunsill rigward il-permessi temporanji għall-imwejjed u siġġijiet, jekk għandhomx jibqgħu jinħarġu, jew jiġux limitati għall-armar ta' bars biss, kif ġie ssuġġerit fil-laqgħa li saret mal-għaqdiet involuti fil-festa.

7.4. Il-Kunsill ikkonferma li m'għandux ikun hemm imwejjed u siġġijiet f'Misraħ il-Parroċċa u Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II sabiex il-purċissjoni ma tiġix imxekkla u għaldaqstant l-Awtorità tal-Artijiet għandha tiġi mitluba sabiex tinforma lill-operaturi tal-istabbilimenti konċernati. Il-Kunsill qabel ukoll li din ir-restrizzjoni għandha tkun effettiva wkoll fir-rigward ta' Misraħ il-Parroċċa biss fis-7 ta' Settembru. Dwar talbiet li jinvolvu mwejjed u siġġijiet fi Triq Adenau, il-Kunsill qabel li dawn għandhom ikunu limitati għal żewġ spazji għall-ipparkjar fil-każ tal-Maritim Antonin Hotel.

7.5. Fil-każ ta' Misraħ il-Parroċċa, il-Kunsill qabel li l-bars ma jridux ikunu iktar minn 1.5 metri 'l-barra mit-tarf tal-bankina. L-istess japplika għall-posti tal-bejjiegħa tal-qubbajt. Kien miftiehem wkoll li l-bars tal-Għaqda tan-Nar Maria Bambina u tal-Għaqda Mużikali Imperial għandhom jieqfu waqt li jkun għaddej il-programm tal-istess banda fuq il-pjanċier, sakemm ma jintlaħaqx ftehim mod ieħor dwar dan.

7.6. Rigward talba li saret mill-operatur tal-bottegin taċ-Ċentru Laburista, il-Kunsill ħa in konsiderazzjoni li sakemm Triq Ġorġ Borg ser tkun magħluqa, m'għandux ikun hemm oġġezzjoni li jintrama bar biss, u mużika amplifikata tindaqq fuq ġewwa. Applikazzjonijiet simili li jinvolvi l-istess triq għandhom jiġu trattati l-istess. Applikazzjonijiet li potenzjalment jistgħu jsiru minn operaturi ta' stabbilimenti fi Triq l-Għoljiet u Misraħ tas-Salib għandhom jiġu kkunsidrati fuq l-istess linji.

## 8.1. Sejħa għall-offerti: MLC 4/2023 – Servizz dwar tindif ta' toroq urbani
**(T/4/5/Vol IV)**

8.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono għarraf li s-sejħa għalqet fil-25 ta' Lulju 2023 u kien hemm offerta waħda sottomessa minn W.M. Environmental Ltd li kkwotaw prezz għall-erba' snin tal-kuntratt ta' €391,600 mingħajr l-VAT. L-istima li ġiet preparata qabel is-sejħa hija ta' €465,000 mingħajr it-taxxa. Kien spjegat li din tipprovdi għal sitt kenniesa, kif ukoll miżuri ta' verifikazzjoni bħala huwa t-*tracking* tal-kenniesa bil-GPS. Huwa qal li diġa ġew spezzjonali d-dokumenti mitluba u f'laqgħa oħra l-membri tal-Kumitat ser jagħtu l-punti għall-kull sottomissjoni.

8.3. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar qalet li bejn it-3 u l-31 ta' Lulju 2023 il-kenniesa tad-Diviżjoni ġabru 45 tunnellata ta' skart mit-toroq, li ma kienx jinkludi l-iskart tal-Moll tat-Tunnara, ta' fejn il-*bring-in sites*, eċċ. Hija qalet ukoll li d-Diviżjoni għandha riżorsi biżżejjed kemm dawk umani kif ukoll makkinarju tant li kien hemm każi fejn hija sejħet lill-persuni nkarigati sabiex ineħħu ċertu skart fil-Ħdud. Ikkummentat li l-offerent imsemmi kellu prestazzjoni fqira ħafna fir-rigward ta' lokalitajiet oħra, tant li kellhom jirrikorru għas-servizzi tad-Diviżjoni tal-Indafa u l-Manutenzjoni, kif qed jagħmel il-Kunsill attwalment. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini ikkonfermat dan.

8.4. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono qal li mhux ser jidħol fil-mertu tal-fatti kif ġew deskritti fil-minuta preċedenti, u ġibed l-attenzjoni li sejħa għall-offerti jeħtieġ li tiġi evalwata fuq il-kriterji stabbiliti fid-dokument tal-offerta. Kemm-il darba jkun hemm raġunijiet ulterjuri, irrispettivament mis-sottomissjonijiet li saru mill-offerent, il-Kunsill imbagħad jista' jiddeċiedi jekk għandux jagħti l-kuntratt jew le.

8.5. Il-Kunsillier M. Abela qal li l-ftehim kien li servizzi tad-Diviżjoni kellhom jintalbu biss tul il-perjodu li tkun qed tiġi evalwata l-sejħa għall-offerti. Huwa qal ukoll li hemm Kunsill Lokali li jilmentaw mis-servizzi tad-Diviżjoni.

8.6. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li l-kummenti illi saru skont il-minuta 8.3. huma rrelevanti f'dan l-istadju u lanqas huwa sewwa l-evalwazzjoni tas-sejħa tkun prejudikata b'dan il-mod.

8.7. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg rrimarka li l-kummenti skont il-minuta 8.3. huma prematuri, għaliex dawk kellhom jitqajmu wara li ssir l-evalwazzjoni tal-sejħa u jiġi jdentifikat mingħandu jkun il-kuntrattur. Huwa fakkar ukoll li d-deċiżjoni aħħarija fuq l-għoti tal-kuntratt tittieħed wara li titressaq mozzjoni, meta l-Kunsill jevalwa l-għażliet kollha li jkollu quddiemu.

8.8. Is-Sindku D. Vella qal li kull kuntrattur ikollu n-nuqqasijiet tiegħu, inkluż id-Diviżjoni. Għaldaqstant il-Kunsill għandu jevalwa l-għażliet li jkollu quddiemu skont il-proċedura stabbilita fl-Ordnijiet Permanenti.

## 9.1. Sejħa għall-offerti: MLC 3/2023 – Tisbiħ tat-taraġ fi Triq il-Madonna tal-Għar (P/4/17)

9.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono qal li s-sejħa msemmija għalqet fit-22 ta' Mejju 2023 u kien hemm żewġ offerenti, li kkwotaw kif jidher hawn taħt: u.

| Offerent | Prezz mingħajr il-VAT |
|---|---|
| Luxury Builders Ltd | €227,982.25 |
| North2South Ltd | 119,139.07 |

9.3. Il-Kunsill ġie mgħarraf li l-offrenti ntalbu jagħmlu xi kjarifiki u jgħaddu dokumentazzjoni li ma kinitx mas-sottomissjonijiet oriġinali. Dawn ġew mgħoddija lill-perit inkarigat sabiex jivverifika dwar jekk humiex konformi mal-ispeċifikazzjoni nklużi fid-dokument tal-offerta.

9.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 10.1. Rendikont Finanzjarju – April – Ġunju 2023 (F/1/1Vol IV)

10.2. Is-Segretarju Eżekuttiv stqarr li d-dħul tal-Kunsill matul il-perjodu Jannar/Marzu 2023 kien jammonta għal €752,844, li jikkonsisti f'€696,941 bħala Allokazzjoni tal-Gvern Ċentrali, €37,860 bħala ħlasijiet relatati ma' attivitajiet li jeħtieġu l-ħruġ ta' permessi mill-Kunsill Lokali, u €18,043 kienu ġejjin mil-Infurzar tal-Liġi u dħul ieħor.

10.3. Il-valur tal-Assi Kurrenti naqas b'€73,516 meta mqabbel mat-tliet xhur ta' qabel u kien ta' €2,046,800. Dawn kienu jikkonsistu f'*Cash and Cash Equivalents* li jammontaw għal €1,944,494, Inventarji (*Stocks*) €9,875 u ammonti riċevibbli li ammontaw għal €92,431.

10.4. L-Obbligazzjonijiet Kurrenti Netti komplew jonqsu minn €589,796 għal €373,947. Dawn kienu magħmula kollha minn Ammonti Pagabbli.

10.5. In-nefqa għall-perjodu kopert bir-rapport kienet tammonta għal €666,667 u tikkonsisti minn €97,221 fuq Emolumenti Personali, €385,566 fuq Operazzjonijiet u Manutenzjoni, €24,670 fuq l-Amministrazzjoni, filwaqt li Deprezzament fuq assi fissi ġie kkalkulat għal €159,210.

10.6. Mill-bidu tas-sena rriżulta *surplus* ta' €86,177. Meta wieħed iqis dawn il-fatturi kollha, l-jirriżulta f'żieda fl-Indikatur tas-Sitwazzjoni Finanzjarja ta' 12% fuq it-trimestru preċedenti u laħaq il-132%.

10.7. Il-valur fiss tal-assi mixtrija minn Jannar permezz ta' fondi ordinarji tal-Kunsill, kif ukoll permezz ta' għotjiet, kien jammonta għal €136,997, filwaqt li l-valur nett tad-disponimenti ma kien hemm xejn. L-ispiża tax-xiri tal-Assi Permanenti kollha akkwistati mill-Kunsill kienet ta' €12,872,308, li kellha valur nett fuq il-kotba ta' €1,720,263 sa tmiem il-perjodu kopert bir-rapport.

10.8. Il-Kunsill approva l-kontenut tar-rapport u l-ispjegazzjoni li saru. Ġie maqbul ukoll li dan għandu jittellgħa fis-sit elettroniku: https://localgovernment.gov.mt/en/lc/Mellieha/PublicationsList/Quarterly%20Financial%20Report_2_2021.pdf

**13.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti**

13.2. Ġiet imressqa Skeda ta' Xiri datata 18 ta' Awwissu 2023.

13.3. Tresqet skeda ta' infieq permezz tal-*petty-cash* li tkopri bejn it-28 ta' Ġunju u s-27 ta' Lulju 2023.

13.4. Tresqet ukoll skeda ta' pagamenti li tkopri l-perjodu bejn it-24 ta' Lulju u t-18 ta' Awwissu 2023.

13.5. Il-Kunsill approva l-iskedi kollha, u kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku: https://localgovernment.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Minutes-List.aspx

**AĠĠORNAMENT**

Bil-permess ta' dawk preżenti, is-seduta spiċċat fid-9:00 pm, u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 22 ta' Awwissu 2023 fil-5:30 pm.

| | |
|---|---|
| Dario Vella | Carmel Debono |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |